**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10513 — ACCIAIERIA ARVEDI / FINARVEDI / ACCIAI SPECIALI TERNI / THYSSENKRUPP STAINLESS / THYSSENKRUPP STAINLESS TURKEY METAL SANAYI VE T)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 473/13)

1. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Acciaieria Arvedi S.p.A. (l-Italja) ("Acciaieria Arvedi"), ikkontrollata minn Finarvedi S.p.A. (l-Italja);

— Acciai Speciali Terni S.p.A. (l-Italja) ("AST");

— ThyssenKrupp Stainless GmbH (il-Ġermanja), ikkontrollata minn AST;

— ThyssenKrupp Stainless Turkey Metal Sanayi ve Ticaret A.S. (it-Turkija), ikkontrollata minn AST.

Acciaieria Arvedi takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' AST, Thyssenkrupp Stainless GmbH u Thyssenkrupp Stainless Turkey Metal Sanayi ve Ticaret A.S. kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Acciaieria Arvedi: il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-azzar tal-karbonju, inklużi kojls tal-azzar bil-karbonju, tubi tal-azzar tal-karbonju wweldjati u tubi tal-azzar tal-karbonju miġbuda kiesħa, tubi tal-azzar inossidabbli wweldjati kif ukoll attivitajiet oħra fis-settur tal-azzar,

— AST, Thyssenkrupp Stainless GmbH u Thyssenkrupp Stainless Turkey Metal Sanayi ve Ticaret A.S.: il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-provvista ta' ċerti prodotti tal-azzar inossidabbli, bħal folji jew kojls tal-azzar standard jew ta' daqs doganali fil-gradi kollha tal-azzar inossidabbli, pajpijiet u tubi wweldjati u profili rettangolari għal diversi setturi bħall-industrija awtomobilistika, il-produzzjoni tal-enerġija, l-industriji tal-produzzjoni tal-azzar, il-preservazzjoni tal-ikel u s-suq tal-kostruzzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10513 — ACCIAIERIA ARVEDI / FINARVEDI / ACCIAI SPECIALI TERNI / THYSSENKRUPP STAINLESS / THYSSENKRUPP STAINLESS TURKEY METAL SANAYI VE T

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË